**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

**2018/0166R (APP)**

10.10.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 - Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
(COM(2018)0322 – 2018/0166R(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Jerzy Buzek



Magħquda fid-diversità

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

1. Jisħaq li l-QFP 2021-27 ma għandux jiċkien fil-volum mil-livelli tal-2020, anke fil-każ tal-Brexit, u li inizjattivi ġodda tal-UE jridu jitqabblu ma' riżorsi finanzjarji ġodda u adegwati u jkunu ttrattati bil-proċedura tal-kodeċiżjoni; jissottolinja li, b'mod speċjali l-prijoritajiet politiċi fuq terminu twil tal-Unjoni Ewropea bħat-tisħiħ tal-impjiegi u t-tkabbir, il-kisba ta' industrija Ewropea orjentata lejn il-futur u kompetittiva, u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima permezz ta' tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jeħtieġ li jiġu appoġġjati b'biżżejjed riżorsi u għandhom jibqgħu l-oqsma fokali tal-programm il-ġdid tal-QFP;

2. Jenfasizza li r-rispett sħiħ għall-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja tajba u finanzjament effikaċi tal-UE; jappoġġja, għalhekk, il-mekkaniżmu l-ġdid li jippermetti lill-Kummissjoni tagħmel użu mill-miżuri effikaċi u xierqa f'każijiet ta' telf finanzjarju kkawżat minn nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fi Stat Membru, b'kunsiderazzjoni speċjali għall-indirizzar tal-korruzzjoni fl-ogħla livelli;

3. Jitlob li jkun hemm metodoloġija ċara għall-preżentazzjoni taċ-ċifri abbażi ta' prezzijiet kostanti;

4. Ifakkar li l-politiki u l-proġetti ta' finanzjament għandhom ikunu konformi mal-objettivi u l-impenji rigward il-klima u l-enerġija miftiehma fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi; jitlob li jiżdiedu l-impenji għall-objettivi marbutin mal-klima għal 30 % tal-infiq relatat mal-klima għall-perjodu tal-QFP 2021-2027 li jmiss sabiex tiġi ffaċilitata u żgurata t-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050;

5. Itenni l-appell tal-Parlament għal baġit globali miżjud ta' mill-inqas EUR 120 biljun bi prezzijiet kostanti għal Orizzont Ewropa sabiex ikun jista' jirreaġixxi b'mod xieraq għall-isfidi tas-soċjetà, jiżgura l-kompetittività globali tal-Ewropa, il-benesseri tal-popli u t-tmexxija fl-ambitu xjentifiku u industrijali, u biex jgħin jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u fil-Ftehim ta' Pariġi; jissottolinja l-ħtieġa li l-investiment ta' Orizzont Ewropa jiffoka fuq ir-riċerka, l-iżvilupp u li jipprovdi lis-soċjetà soluzzjonijiet, kemm teknoloġiċi kif ukoll hux teknoloġiċi, li jindirizzaw l-isfidi l-aktar urġenti tas-soċjetà, bħall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni għal enerġija sostenibbli u rinnovabbli, ekonomija effikaċi fir-rigward tal-enerġija u r-riżorsi, li tkun ċirkolari u ħielsa minn sustanzi tossiċi, ikel u prattiki tal-biedja sostenibbli, u kura tas-saħħa u mediċina affordabbli; jilqa' l-possibbiltà ta' trasferiment tal-allokazzjonijiet finanzjarji għal programmi minn fond għal ieħor introdotti mir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u jinkoraġġixxi lit-territorji kollha jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom fir-riċerka; jemmen li għandhom jiġu elaborati aktar kundizzjonijiet u mekkaniżmi xierqa għal trasferimenti bħal dawn sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà mal-fondi strutturali u jiġi evitat l-awditjar doppju; jissottolinja l-fatt li l-appoġġ finanzjarju minn Orizzont Ewropa għandu jsir aċċessibbli għall-benefiċjarji permezz ta' proċess rapidu, minn isfel għal fuq u inqas amministrattiv, u billi jipprovdi servizzi ta' assistenza teknika li jiggwidaw lill-benefiċjarji lejn il-fondi l-aktar adatti; jemmen, barra minn hekk, li għandhom jiġu mħeġġa sinerġiji ma' programmi u strumenti ta' finanzjament oħra

filwaqt li tintalab simplifikazzjoni amministrattiva massima;

6. Jemmen li, partikolarment meta wieħed iqis il-livell ta' ambizzjoni biex Orizzont Ewropa jsir aktar flessibbli, il-prijoritajiet ta' nfiq ta' kull programm għandhom ikunu ddeterminati fil-leġiżlazzjoni tal-Programm Qafas, u mhux fil-ftehim dwar il-QFP;

7. Jappoġġja l-baġit ta' EUR 3,5 biljun iddedikat għal InvestEU; jissottolinja bil-qawwa, madankollu, li dan il-baġit ma għandux jittieħed mill-finanzjament tal-Programm Orizzont, iżda jkun addizzjonali għalih; jemmen li r-riċerka, l-innovazzjoni u t-tieqa tad-diġitalizzazzjoni ta' InvestEU għandhom jużaw l-istess regoli bħas-suċċess tal-istrument InnovFin, japplikaw il-kriterji sottostanti kollha u jkopru l-ogħla segment tar-risku;

8. Jilqa' l-ammont allokat lill-komponenti diġitali u tal-enerġija tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) li għandha l-għan li tagħlaq il-lakuni nieqsa fl-infrastruttura diġitali u tal-enerġija tal-Ewropa b'appoġġ għall-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej ta' prestazzjoni għolja, sostenibbli u interkonnessi b'mod effiċjenti fl-oqsma tal-enerġija u tas-servizzi diġitali, b'konformità sħiħa mal-objettivi tal-UE fuq terminu twil dwar l-enerġija u l-klima; jemmen li l-FNE għandha tkun aktar ambizzjuża dwar il-kwistjoni tas-sinerġiji, kif indikat fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha, b'mod partikolari biex jiġu sfruttati aħjar is-sinerġiji bejn l-infrastrutturi tat-trasport, diġitali u tal-enerġija; ifakkar li t-tranżizzjoni għal sistema b'livelli baxxi tal-karbonju hija l-punt fokali tal-FNE;

9. Jenfasizza l-effikaċja tal-istruttura ta' governanza ċentralizzata stabbilita permezz tar-Regolament FNE; jirrimarka li l-parti tal-Fond ta' Koeżjoni trasferita għall-FNE kellha suċċess kbir u li s-sodisfazzjon tal-Istati Membri kkonċernati jippermetti l-possibbiltà li dan il-mekkaniżmu jiġu estiż taħt il-QFP li jmiss; jipproponi, għalhekk, allokazzjoni ta' EUR 20 biljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), u jiġu stabbiliti l-istess regoli ta' ġestjoni bħal fil-każ tat-trasferiment tar-responsabbiltà ta' ġestjoni għall-Fond ta' Koeżjoni għall-FNE; iqis li, meta wieħed iqis id-differenza kbira li hemm bejn il-finanzjament disponibbli u l-ħtiġijiet, din il-proposta tiżgura li jsir progress sinifikanti fil-proġetti TEN-T fl-Ewropa;

10. Jilqa' b'mod ġenerali l-proposta tal-Kummissjoni li talloka EUR 16-il biljun lill-Programm Spazjali Ewropew ġdid; jappella, madankollu, għal żieda moderata fil-baġit globali tal-programm; jisħaq, fir-rigward tal-komponenti tal-programm, fuq il-ħtieġa għal pakketti aktar ambizzjużi għal SSA u GOVSATCOM, filwaqt li jinżamm jew jiżdied b'mod moderat il-baġit allokat għall-komponenti Copernicus u Galileo; jisħaq li huwa estremament importanti li tiġi garantita l-kontinwità taż-żewġ komponenti emblematiċi, Galileo u Copernicus, u li jiġi żgurat il-funzjonament taż-żewġ inizjattivi ġodda, GOVSATCOM u SSA, li jittrattaw il-problema li qed dejjem tiżdied tas-sikurezza tal-infrastruttura spazjali u tas-sigurtà tal-komunikazzjoni satellitari;

11. Jilqa' l-fatt li tal-inqas EUR 9,194 biljun huma allokati għall-Programm Ewropa Diġitali li se jibni l-kapaċitajiet diġitali tal-UE, speċjalment għall-Intelliġenza Artifiċjali, iċ-Ċibersigurtà u l-Informatika ta' Prestazzjoni Għolja, filwaqt li tissaħħaħ it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u s-soċjetà billi jiġu appoġġjati l-ħiliet diġitali; jenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni mill-qrib ma' Orizzont Ewropa, il-FNE u l-FSIE;

12. Jinsisti fuq il-ħtieġa ta' finanzjament adegwat għal programm ta' azzjonijiet tal-UE li jtejjeb il-kompetittività tal-intrapriżi, b'enfasi speċjali fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs

medju (SMEs); jinnota li programm iffukat fuq l-SMEs għandu jikkomplementa programmi oħra tal-UE u għandu jinbena wkoll fuq l-esperjenza solida miksuba mill-programm predeċessur (COSME) billi jkollu l-għan li jtejjeb l-aċċess għas-swieq ġewwa u barra l-Unjoni, itejjeb il-kundizzjonijiet qafas għan-negozji u l-kompetittività tal-intrapriżi, u jippromwovi l-intraprenditorija u l-kultura intraprenditorjali;

13. Jemmen li fis-settur tal-enerġija, għandha ssir enfasi fuq is-sigurtà tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika, l-użu mtejjeb tal-enerġiji rinnovabbli, l-akkopjament tas-setturi, l-infrastruttura intelliġenti u moderna, l-awtonomizzazzjoni tal-konsumatur, u suq tal-enerġija li jiffunzjona b'aktar kooperazzjoni u kummerċ transfruntiera; iqis li huwa essenzjali li tintlaħaq tal-inqas il-mira tal-interkonnettività ta' 15 % sal-2030; jenfasizza li l-QFP li jmiss għandu jiffoka fuq li jilħaq l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija; jisħaq li l-QFP li jmiss għandu jiffoka fuq l-iżgurar tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija Ewropea sabiex jilħaq l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, l-għanijiet klimatiċi tal-UE u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli sabiex jibbenefikaw minnhom l-UE u ċ-ċittadini kollha tagħha u, b'mod partikolari, jappoġġja lil familji vulnerabbli, bi dħul baxx li jinsabu f'riskju ta' faqar enerġetiku sabiex isiru effiċjenti fl-użu tal-enerġija;

14. Jissottolinja l-importanza tas-sikurezza nukleari u jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-ammont allokat għall-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja minn EUR 552 miljun għal EUR 780 miljun sabiex il-Litwanja tkun assistita b'mod adegwat f'li tissodisfa l-isfida teknoloġika taż-żarmar tal-qalba tar-reattur tal-grafit tat-tip Chernobyl, kif ukoll biex jiġu pprevenuti r-riskji radjoloġiċi u jitnaqqas aktar il-periklu taċ-ċittadini tal-UE;

15. Jiddispjaċih ħafna li t-talba tiegħu għall-ħolqien ta' fond għal tranżizzjoni ġusta għal reġjuni b'użu intensiv tal-faħam u tal-karbonju taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) l-ġdid ma kinitx riflessa fil-proposta l-ġdida tal-QFP; itenni l-appell tiegħu li jinħoloq Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta tal-Enerġija fil-livell tal-Unjoni b'baġit totali ta' EUR 5 biljun biex jappoġġja reġjuni b'sehem għoli ta' ħaddiema fis-setturi u l-komunitajiet dipendenti fuq il-faħam u l-karbonju li huma milquta ħażin minn din it-tranżizzjoni; jisħaq ukoll li, taħt dan il-fond, għandhom jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' tranżizzjoni inklużivi, lokali u ġusti u biex jiġu indirizzati l-impatti soċjetali, soċjoekonomiċi u ambjentali, flimkien mar-rikonverżjoni ta' siti u l-ħolqien ta' impjiegi diċenti u sostenibbli, kif ukoll taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet fi proċessi u teknoloġiji nodfa bbażati fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew soluzzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika;

16. Jissottolinja l-ħtieġa li jinżamm il-baġit adegwat u ċar ta' EUR 13-il biljun għall-Fond Ewropew għad-Difiża biex jagħti spinta lit-tkabbir u l-kompetittività tal-industriji Ewropej tad-difiża;

17. Jappella għal finanzjament xieraq għall-aġenziji taħt il-mandat tal-ITRE biex tiġi żgurata l-kapaċità tagħhom li jwettqu b'mod adegwat l-għadd dejjem jiżdied ta' kompiti tagħhom;

18. Jitlob li l-QFP jiġi adottat fil-ħin u li l-bażijiet ġuridiċi relatati jiżguraw tranżizzjoni mingħajr xkiel minn programm għal ieħor u li jiġi evitat dewmien fl-implimentazzjoni;

19. Jissottolinja l-ħtieġa għal reviżjoni ta' nofs it-terminu legalment vinkolanti u obbligatorja tal-QFP; jemmen li l-involviment tal-Parlament għandu jiġi żgurat fi kwalunkwe reviżjoni tal-QFP;

20. Jinnota li r-rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP 2021-2027 huwa punt ewlieni fil-ġestjoni tal-infiq tal-UE, sabiex jiġi vvalutat kif il-programmi ta' investiment qed jaħdmu b'miri u objettivi stipulati, u jekk jippreżentawx kapaċità ta' assorbiment adegwata u jiġġenerawx valur miżjud tal-UE; jissottolinja li r-rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu huwa opportunità għal simplifikazzjoni ulterjuri fiċ-ċiklu globali ta' implimentazzjoni;

21. Jinnota li l-QFP li jmiss se jkollu jikkunsidra t-tluq tar-Renju Unit mill-UE u l-implikazzjonijiet ta' dan għall-baġit tal-UE; jesprimi x-xewqa li l-programmi tal-UE skont il-mandat tal-ITRE jkunu jistgħu jitkomplew mingħajr xkiel; jilqa, f'dan ir-rigward, il-proposti tal-Kummissjoni rigward il-modernizzazzjoni tar-riżorsi proprji eżistenti u l-implimentazzjoni ta' dawk ġodda, kif ukoll l-eliminazzjoni tar-rifużjonijiet u ż-żieda fil-limiti massimi tar-riżorsi proprji.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 - Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil |
| **Referenzi** | 2018/0166R(APP) |
| **Kumitat responsabbli** | BUDG |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>13.9.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Jerzy Buzek<br>16.7.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 10.9.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 9.10.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 40<br>–: 4<br>0: 10 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Zigmantas Balčytis, Bendt Bendtsen, Jonathan Bullock, Jerzy Buzek, Reinhard Bütikofer, Angelo Ciocca, Edward Czesak, Jakop Dalunde, Christian Ehler, Fredrick Federley, Ashley Fox, Theresa Griffin, Igor Gräzin, András Gyürk, Hans-Olaf Henkel, Eva Kaili, Barbara Kappel, Krišjānis Kariņš, Seán Kelly, Jeppe Kofod, Jaromír Kohlíček, Peter Kouroumbashev, Zdzisław Krasnodębski, Miapetra Kumpula-Natri, Christelle Lechevalier, Tilly Metz, Csaba Molnár, Nadine Morano, Dan Nica, Morten Helveg Petersen, Miroslav Poche, Carolina Punset, Julia Reda, Paul Rübig, Sven Schulze, Dario Tamburrano, Patrizia Toia, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Martina Werner, Lieve Wierinck, Hermann Winkler, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho, Anna Záborská, Pilar del Castillo Vera |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Pilar Ayuso, Pervenche Berès, Tamás Deutsch, Jens Geier, Françoise Grossetête, Benedek Jávor, Werner Langen, Sofia Sakorafa |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 40 | + |
|---|---|
| ALDE | Fredrick Federley, Igor Gräzin, Morten Helveg Petersen, Carolina Punset, Lieve Wierinck |
| ECR | Edward Czesak, Hans-Olaf Henkel, Zdzisław Krasnodębski |
| PPE | Pilar Ayuso, Bendt Bendtsen, Jerzy Buzek, Pilar del Castillo Vera, Tamás Deutsch, Françoise Grossetête, András Gyürk, Krišjānis Kariņš, Seán Kelly, Werner Langen, Nadine Morano, Paul Rübig, Sven Schulze, Vladimir Urutchev, Hermann Winkler, Anna Záborská |
| S&D | Zigmantas Balčytis, Pervenche Berès, Jens Geier, Theresa Griffin, Eva Kaili, Jeppe Kofod, Peter Kouroumbashev, Miapetra Kumpula-Natri, Csaba Molnár, Dan Nica, Miroslav Poche, Patrizia Toia, Kathleen Van Brempt, Martina Werner, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho |

| 4 | - |
|---|---|
| EFDD | Jonathan Bullock |
| ENF | Angelo Ciocca, Christelle Lechevalier |
| PPE | Christian Ehler |

| 10 | 0 |
|---|---|
| ECR | Ashley Fox |
| EFDD | Dario Tamburrano |
| ENF | Barbara Kappel |
| GUE/NGL | Jaromír Kohlíček, Sofia Sakorafa |
| VERTS/ALE | Reinhard Bütikofer, Jakop Dalunde, Benedek Jávor, Tilly Metz, Julia Reda |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni